21 ta' Marzu 2019
37/2019

**50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI TAL-ARĊISQOF EMERITU PAWLU CREMONA O.P.**

L-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P. ser jiċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla f'għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Din ser issir nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu 2019, fil-5:30 p.m., fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

F'din il-Quddiesa ser jikkonċelebra Mons. George Frendo O.P., l-Arċisqof ta' Tirana fl-Albanija, li wkoll qed jiċċelebra l-50 anniversarju tal-Ordinazzjoni Presbiterali.

Is-saċerdoti huma mistiedna biex jikkonċelebraw u l-pubbliku huwa mistieden jieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni.

Mons. Cremona twieled il-Belt Valletta fil-25 ta' Jannar 1946. Daħal fl-Ordni Dumnikan f'Settembru tal-1962 u sena wara għamel il-Professjoni fl-istess Ordni. Huwa studja l-Filosofija u t-Teoloġija fil-Kulleġġ ta' San Tumas ta' Akwinu fil-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat u ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1969 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali studja t-Teoloġija Morali fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Akwinu f'Ruma fejn kiseb id-dottorat fl-1973. Huwa kien pirjol fil-Kunvent ta' Sidtna Marija tal-Għar fir-Rabat bejn l-1974 u l-1980 u l-1997 u l-2003.

Mons. Pawlu Cremona kien ukoll provinċjal tal-Provinċja Dumnikana Maltija għal tmien snin, kappillan tal-parroċċa ta' Sidtna Marija tar-Rużarju ta' Fatima fi Gwardamanġa u kappillan tal-parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu f'Tas-Sliema, delegat tal-Arċisqof għall-Ħajja Kkonsagrata, Assistent Direttur Spiritwali fis-Seminarju Tal-Virtù, u President tal-Kunsill tas-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi Maltin (KSMR).

Mons. Cremona kien ikkonsagrat isqof fis-26 ta' Jannar 2007 u mexxa l-Arċidjoċesi ta' Malta sat-18 ta' Ottubru 2014.